MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru 494/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**
**vs**

**Reginald Cini**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Reginald Cini ta’ 36 sena bin Reginald u Lucia nee Azopardi mwieled Valletta u joqghod 10 New street, Valletta ID 27071(M).

Billi gie akkuzat talli fl-14 ta’ Lulju 2006 ghal habta tas-7.00pm fil-Furjana;

1. volontarjament kiser il-paci pubblika w il bon ordni b'ghajjat u glied

2. bi kleim insulenta u hedded lill Wpc 258 Bernardette Valletta persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaha jew li jinfluwixxi fuqha konta l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. PMG1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 338(dd) u 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Reginald Cini fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, nkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat tikkundanna lill-istess

imputat ghall-piena ta’ erba’ u tletin Euro u erba’ u disghin centezmi ta’ Euro (Euro 34.94) ammenda u nkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat tikkundanna lill-istess imputat ghall-piena ta’ sitta u erbghin Euro u disa’ u hamsin centezmi ta’ Euro (Euro 46.59) ammenda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------